MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Rikors Numru. 39/2001/1

Rikors Nru: 39/2001

Kummissarju ta' l-Art

vs

John Ellul, Modesta Dalli, Vincenza Cassar, Angelo Ellul, Raymond Ellul, Maud Ellul, Maria Ellul, Joseph Ellul, Jane Vella Baldacchino, Catherine Ciappara, Modesta Farrugia

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta' l-Art ipprezentat fil-28 t'Awissu, 2001 fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 10 ta' Lulju, 2001 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu tal-fond Nru 7 fi Triq il-Knisja, kantuniera ma'

66 fi Triq il-Kbira, fil-Qrendi, huwa ta’ tnejn u ghoxrin elf, seba’ mija u hamsin lira Maltija (Lm22,750) kif jidher mir-rapport tal-Perit Fred H Valentino A&CE tal-4 ta’ Jannar, 2001, li kopja tieghu ‘Dok A’ hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tal-25 ta’ Lulju, 2001 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ hamsa u disghin elf lira Maltin (Lm95,000).

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala frank u liberu l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).
Ra r-risposta ta’ l-intimati pprezentata fil-25 ta’ Lulju, 2001 fejn esponew:

Illi jirreferuk ghall-ittra ufficjali datata 10 ta’ Lulju 2001 dwar il-kumpens offert lilhom, li l-intimat lest li jhallas ghax-xiri assolut tal-fond 7, Triq il-Knisja kantuniera ma’ 66 Triq il-Kbira, Qrendi ammontanti ghal Lm22,750 u jinfurmawk illi huma ma jaccettawx tali kumpens ghaliex hu baxx wisq ghal kobor, antikita’ u posizzjoni tal-istess fond.

Il-mittenti jiddikjaraw illi l-kumpens gust ghax-xiri tal-istess fond hu ta’ Lm95,000 kif jidher mill-anness rapport tal-Perit Philip Azzopardi.

Tant biex taghraf tirregola ruhek.

Ra li l-partijiet gew notifikati bid-dokumenti kollha.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra d-digriet tieghu tat-18 ta' Jannar 2002 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti.

Ikkunsidra:

1. Il-Perit Frederick Valentino iddeskriva l-fond, fejn qieghed u fatturi ohra u ffissa l-valur tal-fond, wiehed fil-qalba tar-rahal tal-Qrendi fl-ammont ta' Lm22,750 (ara xhieda fol 34-35).

2. Il-Perit Philip Azzopardi ghall-intimati halef ir-rapport tieghu u wara li ha l-posizzjoni tal-fond u l-valur arkettettoniku tieghu wasal ghall-istima ta' Lm95,000 (ara xhieda fol 19).

3. Il-Perit Frederick Valentino ma kienx gie mgharraf li kien hemm sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Novembru 2000 in re "Fr Raymond Ellul et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kummissarju ta' l-Artijiet" fejn ir-rikorrenti (l-intimati ta' llum) inghataw il-permess li jirriprendu l-pussess tal-fond. L-istess perit stqarr li, "kieku dan il-post kien vojt, il-valur tieghu kien joghla sostanzjalment". Meta bdew dawn il-proceduri – Notifikazzjoni dwar Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta (26 ta' Jannar 2001/u Avviz ghall-Ftehim (10 ta' Lulju 2001), Ir-rikorrenti Kummissarju ta' l-Artijiet kien tilef il-kirja tal-fond wara l-ewwel skadenza tal-prezentata tar-rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera (rikors numru 143/94). Ghall-effetti tal-ligi l-fond kien vojt u battal, meta bdew il-proceduri ghat- tehid tal- fond.

4. Dwar il-fond il-periti jaqblu apparti dak fuq imsemmi.

5. Il-periti mahtura mill-Bord ghamlu access u raw il-pjanti mressqa mill-Perit Frederick Valentino u waslu ghal konkluzzjoni wara li raw il-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta

partikolarment l-artikolu 27 li dan jisthoqqlu kumpens ta' Lm86,000.

Ghalhekk il-Bord in vista tas-suespost jaghmel tieghu r-relazzjoni tal-periti msejssa fuq il-Kap 88 u partikolarment l-Artikolu 27 u jordna lill-intimati jittrasferixxu lir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala liberu u frank il-fond numru 7, Triq il-Knisja, l-Qrendi kantuniera mal-fond 66, Triq il-Kbira l-Qrendi bil-valur ta' sitta u tmenin elf lira Maltija (Lm86,000);

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att nhar l-Erbgha 17 ta' Jannar 2007 fl-10:30a.m. fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dottor Renzo Porsella Flores biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci, u l-avukat ghandu jigi mgharraf bil-miktub bil-hatra mir-rikorrent u hekk qed jintlahqu t-talbiet tar-rikorrent; l-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------